28 A	Fanali taċ-ċpar ta' wara għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 38		X
29 A	Dwal tar-rivers għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 23		X
30 A	Fanali tal-ipparkjar għall-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 77		X
31 A	Ċinturini tas-sigurtà, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin tat-tfal u sistemi ta' trażżin tat-tfal Isofix	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 16	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Rekwiżiti tal-installazzjoni*	B
32 A	Kamp viżiv 'il quddiem	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 125		A
33 A	Post u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tas-sinjalaturi u tal-indikaturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 121		A

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att Regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
34 A	Sistemi li jneħħu l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 672/2010		C
			(a) *Tneħħija tal-ġelu minn mal-windskrin*	Għandu japplika biss il-paragrafu 1.1.1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 672/2010 sakemm il-fluss ta' arja sħuna jiġi dirett lejn is-superfiċje kollha tal-windskrin jew dan tal-aħħar jissaħħan elettrikament fuq is-superfiċje kollha tiegħu.
			(b) *Tneħħija tat-titpin minn mal-windskrin*	Għandu japplika biss il-punt 1.2.1. tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 672/2010 sakemm il-fluss ta' arja sħuna jiġi dirett lejn is-superfiċje kollha tal-windskrin jew dan tal-aħħar jissaħħan elettrikament fuq is-superfiċje kollu tiegħu.
35 A	Sistemi tal-wajpers u tal-washers tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010		C
			(a) *Sistema tal-wajpers tal-windskrin*	Għandhom japplikaw il-paragrafi 1.1. sa 1.1.10. tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010. Għandu jitwettaq biss it-test deskritt fil-paragrafu 2.1.10. tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010.
			(b) *Sistema tal-washers tal-windskrin*	Għandha tapplika t-Taqsima 1.2. tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010 ħlief għall-punti 1.2.2., 1.2.3. u 1.2.5.
36 A	Sistema ta' tisħin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 122		C L-immuntar ta' sistema ta' tisħin ma għandux ikun meħtieġ.
			(a) *Is-sistemi ta' tisħin kollha*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3. u tal-paragrafu 6 tar-Regolament UNECE Nru 122.
			(b) *Sistemi ta' tisħin tal-LPG*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness 8 għar-Regolament UNECE Nru 122.
37A	Rpari tar-roti	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1009/2010		B

▼**M22**

38A	Trażżin għar-ras	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 25 tan-NU/KEE		X

▼M14

Punt	Suġġett	Att Regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
▼M5 ———				
▼M20 41 A	Emissjonijiet (Euro VI) ta' vetturi heavy-duty/aċċess għall-informazzjoni	Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009		A Bl-eċċezzjoni tas-sett ta' rekwiżiti relatati ma' OBDs u l-aċċess għall-informazzjoni.
			Kejl tal-qawwa	*(Meta l-manifattur tal-vettura juża magna ta' manifattur ieħor)* Id-dejta tat-test tal-bank mill-manifattur tal-magna tiġi aċċettata sakemm is-sistema tal-ġestjoni tal-magna tkun identika (jiġifieri, ikollha mill-inqas l-istess ECU). It-test tal-output tal-qawwa jista' jitwettaq fuq dinamometru tax-xażi. Dan għandu jitqies fit-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
▼M14 44 A	Mases u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012		B It-test ta' startjar fuq għolja b'massa massima tal-kombinazzjoni deskritt fil-paragrafu 5.1. tal-Parti A tal-Anness 1 għar-Regolament (UE) Nru 1230/2012 jista' jiġi rrinunzjat fuq talba tal-manifattur.
45 A	Materjali tal-ħġieġ ta' sikurezza u l-installazzjoni tagħhom fil-vetturi	Regulation (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 43	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	B
▼M6 ———				
▼M14 46 A	Installazzjoni ta' tajers	Regulation (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 458/2011		B Id-dati għal applikazzjoni progressiva għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.
46B	Tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom (Klassi C1)	Regolament (KE) No 661/2009 Regolament UNECE No 30	*Komponenti*	X

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att Regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
46D	Emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajers, adeżjoni fuq superfiċji mxarrba u reżistenza għall-irrolljar (Klassijiet C1, C2 u C3)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 117	*Komponenti*	X
46E	Unità żejda għal użu temporanju, tajers/sistema *run-flat* u sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers	Regulation (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 64	*Komponenti*	X
			Immuntar ta' sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS)	B L-immuntar ta' TPMS ma għandux ikun meħtieġ.
50 A	Komponenti tal-iggarniċjar mekkaniku ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 55	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	B
53 A	Protezzjoni tal-okkupanti f'każ ta' ħabta frontali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 94		C Ir-rekwiżiti tar-Regolament UNECE Nru 94 għandhom japplikaw għal vetturi mgħammra b'*airbags* fuq quddiem. Il-vetturi li ma jkunux mgħammra b'*airbags* għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit tal-punt 14 A ta' din it-tabella.
54 A	Protezzjoni tal-okkupanti f'każ ta' ħabta laterali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 95		C (għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2014)
			Test tal-forma tar-ras	Il-manifattur għandu jipprovdi lis-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibli tar-ras tal-mannikin mal-istruttura tal-vettura jew mal-ħġieġ tal-ġenb jekk ikun magħmul minn ħġieġ laminat. Meta jiġi pprovat li tali impatt huwa probabbli li jseħħ, mela għandu jitwettaq it-test parzjali fejn jintuża t-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1. tal-Anness 8 għar-Regolament UNECE Nru 95 u għandu jiġi sodisfatt il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1. tar-Regolament UNECE 95. Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 għar-Regolament UNECE Nru 21 tista' tintuża bħala alternattiva għat-test imsemmi iktar 'il fuq.

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att Regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
58	Protezzjoni ta' persuni mexjin	Regolament (KE) Nru 78/2009	(a) *Rekwiżiti tekniċi applikabbli għal vettura*	M/A
			(b) *Sistemi ta' protezzjoni frontali*	X
59	Riċiklabbiltà	Direttiva 2005/64/KE		M/A Għandu japplika biss l-Artikolu 7 dwar l-użu mill-ġdid tal-partijiet komponenti.
61	Sistemi ta' arja kkundizzjonata	Direttiva 2006/40/KE		A Gassijiet serra fluworinati b'potenzjal għat-tisħin globali ogħla minn 150 huma permessi sal-31 ta' Diċembru 2016.
62	Sistema ta' idroġenu	Regolament (KE) Nru 79/2009		X
▼**M26** 63	Sigurtà Ġenerali	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009		Ara n-nota f'qiegħ il-paġna ([15]) tat-tabella fil-Parti I tal-Anness IV ma' atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi prodotti f'serje mhux limitati
▼**M14** 64	Indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 65/2012		M/A
67	Komponenti speċifiċi għall-gassijiet tal-petrolju likwidifikat (LPG) u l-istallazzjoni tagħhom fuq vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 67	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	A
68	Sistemi ta' allarm tal-vettura (VAS)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 97	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjon*	B
69	Sikurezza elettrika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 100		B

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att Regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
70	Komponenti speċifiċi għas-CNG u l-istallazzjoni tagħhom f'vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE No 110	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjon*	A

Tifsira tal-ittri

X	Applikazzjoni sħiħa tal-att regolatorju. (a) għandu jinħareġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip; (b) it-testijiet u l-kontrolli għandhom jitwettqu mis-servizz tekniku jew mill-manifattur fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 41, 42 u 43; (c) rapport tat-test għandu jiġi abbozzat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness V; (d) il-Konformità tal-Produzzjoni (COP) għandha tiġi żgurata.
A	Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej: (a) ir-rekwiżiti kollha tal-att regolatorju għandhom jiġu sodisfatti sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor; (b) ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip; (c) it-testijiet u l-kontrolli għandhom jitwettqu mis-servizz tekniku jew mill-manifattur fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 41, 42 u 43; (d) rapport tat-test għandu jiġi abbozzat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness V; (e) is-COP għandha tiġi żgurata.
B	Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej: L-istess bħall-ittra "A" ħlief li t-testijiet u l-kontrolli jistgħu jitwettqu mill-manifattur stess bla ħsara għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip (jiġifieri, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 41, 42 u 43 ma hemmx għalfejn jiġu sodisfatti).
C	Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej: (a) għandhom jiġu sodisfatti biss ir-rekwiżiti tekniċi mill-att regolatorju, irrispettivament minn kwalunkwe dispożizzjoni tranżitorja; (b) ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip; (c) it-testijiet u l-kontrolli għandhom jitwettqu mis-servizz tekniku jew mill-manifattur (ara d-deċiżjonijiet għall-ittra "B"); (d) rapport tat-test għandu jiġi abbozzat skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness V; (e) is-COP għandha tiġi żgurata.
D	L-istess bħal fid-deċiżjonijiet fl-ittri "B" u "C" ħlief li dikjarazzjoni ta' konformità mressqa mill-manifattur tkun biżżejjed. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda rapport tat-test. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-test jew is-servizz tekniku tista' teħtieġ informazzjoni addizzjonali ta' iktar evidenza, jekk dan ikun meħtieġ.
M/A	L-att regolatorju ma għandux japplika. Madankollu tista' tiġi imposta konformità ma' aspett speċifiku wieħed jew iktar inkluż fl-att regolatorju.

Nota: Is-serje ta' emendi tar-Regolamenti UNECE li għandhom jintużaw huma elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Is-serje ta' emendi adottati sussegwentement jiġu aċċettati bħala alternattiva

▼M14

Tabella 2

Vetturi N_1 [1]

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
1	Livell permissibbli tal-ħoss	Direttiva 70/157/KEE		A
▼M23 1 A	Il-livell tal-ħoss	Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014		A
▼M20 2	Emissjonijiet (Euro 5 u 6) vetturi light duty/aċċess għall-informazzjoni	Regolament (KE) Nru 715/2007		A
			(a) Sistemi dijanjostiċi ta' abbord (OBD)	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 (Is-sistema OBD għandha tkun iddisinjata biex tirreġistra għall-inqas il-malfunzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-magna). L-interfaċċa-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika mal-istrumenti dijanjostiċi komuni.
			(b) Konformità fis-servizz	M/A
			(c) Aċċess għall-informazzjoni	Huwa biżżejjed li l-manifattur jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni b'mod faċilment aċċessibbli u malajr.
			(d) Kejl tal-qawwa	*(Meta l-manifattur tal-vettura juża magna ta' manifattur ieħor)* Id-dejta tat-test tal-bank mill-manifattur tal-magna tiġi aċċettata sakemm is-sistema tal-ġestjoni tal-magna tkun identika (jiġifieri, ikollha mill-inqas l-istess ECU). It-test tal-output tal-qawwa jista' jitwettaq fuq dinamometru tax-xażi. Dan għandu jitqies fit-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
▼M14 3 A	Prevenzjoni tar-riskji tan-nar (tankijiet tal-fjuwil likwidu)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 34	(a) *Tankijiet tal-fjuwil likwidu*	B
			(b) *Installazzjoni fil-vettura*	B
▼M22 3 B	Apparati protettivi tal-underrun ta' wara (RUPDs) u l-installazzjoni tagħhom; protezzjoni tal-underrun ta' wara (RUP)	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 58 tan-NU/KEE		B

[1] In-noti ta' spjegazzjoni marbuta mal-Parti I tal-Anness IV japplikaw ukoll għat-Tabella 2.
L-ittri fit-Tabella 2 għandhom l-istess tifsira bħal fit-Tabella 1.

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
4 A	Spazju għall-immuntar u għat-twaħħil tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1003/2010		B
5 A	Tagħmir tal-istering	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 79		C
			(a) *Sistemi mekkaniċi*	Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 tar-Regolament UNECE Nru 79.01. Għandhom jitwettqu t-testijiet kollha preskritti fil-paragrafu 6.2 tar-Regolament UNECE Nru 79 u għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1. tar-Regolament UNECE Nru 79
			(b) *Sistema kumplessa ta' kontroll elettroniku tal-vettura*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha tal-Anness 6 għar-Regolament UNECE Nru 79. Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti tista' tiġi kkontrollata biss minn servizz tekniku maħtur.
6 A	Lukketti tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 11		C
			(a) *Rekwiżiti ġenerali (Paragrafu 5 tar-Regolament UNECE Nru 11)*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha.
			(b) *Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Paragrafu 6 tar-Regolament UNECE Nru 11)*	Għandhom japplikaw biss ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1.5.4. u tal-paragrafu 6.3. dwar il-lukketti tal-bibien.
7 A	Tagħmir u sinjali ta' twissija li jinstemgħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 28	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni fuq il-vettura*	B
8 A	Tagħmir għal viżjoni indiretta u l-installazzjoni tiegħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 46	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni fuq il-vettura*	B
9 A	Ibbrejkjar ta' vetturi u ta' karrijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 13.	(a) *Rekwiżiti tad-disinn u tat-testijiet*	A
			(b) *ESC*	L-immuntar tal-ESC ma għandux ikun meħtieġ. Jekk tiġi mmuntata, hija għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament UNECE Nru 13.

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
9B	Ibbrejkjar ta' karozzi tal-passiġġieri	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 13-H	(a) *Rekwiżiti tad-disinn u tat-testijiet*	A
			(b) *Sistemi ta' kontroll tal-istabbiltà elettronika (ESC) u għall-għajnuna fil-brejk (BAS)*	L-immuntar tal-BAS u tal-ESC ma għandux ikun meħtieġ. Jekk jiġu mmuntati, huma għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament UNECE Nru 13-H.
10 A	Kompatibbiltà elettromanjetika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 10		B

▼**M26**

13 A	Protezzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 116 UNECE		A Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8.3.1.1.1. tar-Regolament Nru 116 UNECE jistgħu jiġu applikati minflok il-paragrafu 8.3.1.1.2. ta' dan ir-Regolament irrispettivament mit-tip ta' powertrain

▼**M14**

14 A	Protezzjoni tas-sewwieq mill-mekkaniżmu tal-istering fil-każ ta' impatt	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 12		C
			(a) *Test tal-impatt ma' barriera*	Għandu jkun meħtieġ test.
			(b) *It-test tal-impatt tal-blokka tal-ġisem mar-rota tal-istering*	Mhijiex meħtieġa jekk ir-rota tal-istering tkun mgħammra b'*airbag*.
			(c) *Test tal-forma tar-ras*	Mhijiex meħtieġa jekk ir-rota tal-istering tkun mgħammra b'*airbag*.
15 A	Sits, l-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 17		B
17 A	Aċċess u manuvrabbiltà tal-vettura	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 130/2012		D
17B	Tagħmir tal-ispidometru inkluża l-installazzjoni tiegħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 39		B
18 A	Pjanċa statutorja tal-manifattur u numru ta' identifikazzjoni tal-vettura	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 19/2011		B

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
19 A	Ankraġġi taċ-ċinturin tas-sigurtà, sistemi ta' ankraġġi Isofix u ankraġġi tal-irbit ta' fuq (*top tether*) Isofix	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 14		B
20 A	Installazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 48		B Id-DRLs għandhom jiġu mmuntati fuq tip ta' vettura ġdid skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/89/KE.
21 A	Tagħmir ta' retro-riflessjoni għal vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 3		X
22 A	Fanali ta' quddiem u ta' wara, fanali tal-waqfien u fanali li jimmarkaw it-truf għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 7		X
22B	Fanali ta' użu matul il-jum għall-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 87		X
22C	Fanali li jimmarkaw il-ġenb għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 91		X
23 A	Indikaturi tad-direzzjoni għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 6		X
24 A	Illuminazzjoni tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara tal-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 4		X

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
25 A	Fanali ta' quddiem issiġġillati ta' vettura bil-magna (SB) li jitfgħu raġġ baxx asimetriku Ewropew jew raġġ tas-sewqan (qawwi) jew it-tnejn	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 31		X
25B	Fanali tal-filament għal użu f'unitajiet tal-fanali approvati tal-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 37		X
25C	Fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-magna mgħammra b'sorsi ta' dawl bi skarikar tal-gass	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 98		X
25D	Sorsi ta' dawl bi skarikar tal-gass għal użu f'unitajiet ta' fanali bi skarikar tal-gass approvati ta' vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 99		X
25E	Fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-magna li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan (qawwi) jew it-tnejn u mgħammra b'fanali tal-filament u/jew b'moduli tal-LED	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 112		X
25F	Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għall-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 123		X
26 A	Fanali taċ-ċpar ta' quddiem tal-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 19		X

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
27 A	Tagħmir tal-irmonk	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1005/2010		B
28 A	Fanali taċ-ċpar ta' wara għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 38		X
29 A	Dwal tar-rivers għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 23		X
30 A	Fanali tal-ipparkjar għall-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 77		X
31 A	Ċinturini tas-sigurtà, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin tat-tfal u sistemi ta' trażżin tat-tfal Isofix	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 16	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Rekwiżiti tal-installazzjoni*	B
33 A	Post u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tas-sinjalaturi u tal-indikaturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 121		A
34 A	Sistemi li jneħħu l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 672/2010		M/A Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema xierqa li tneħħi l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin.
35 A	Sistemi tal-wajpers u tal-washers tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010		M/A Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema xierqa tal-wajpers u tal-washers tal-windskrin.
36 A	Sistema ta' tisħin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 122		C L-immuntar ta' sistema ta' tisħin ma għandux ikun meħtieġ.
			(a) *Is-sistemi ta' tisħin kollha*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3. u tal-paragrafu 6 tar-Regolament UNECE Nru 122.

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
			(b) *Sistemi ta' tisħin tal-LPG*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness 8 għar-Regolament UNECE Nru 122.
▼**M22** ———				
▼**M5** ———				
▼**M20** 41A	Emissjonijiet (Euro VI) ta' vetturi heavy-duty/aċċess għall-informazzjoni	Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009		A Bl-eċċezzjoni tas-sett ta' rekwiżiti relatati ma' OBDs u l-aċċess għall-informazzjoni.
			Kejl tal-qawwa	*(Meta l-manifattur tal-vettura juża magna ta' manifattur ieħor)* Id-dejta tat-test tal-bank mill-manifattur tal-magna tiġi aċċettata sakemm is-sistema tal-ġestjoni tal-magna tkun identika (jiġifieri, ikollha mill-inqas l-istess ECU). It-test tal-output tal-qawwa jista' jitwettaq fuq dinamometru tax-xaża. Dan għandu jitqies fit-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
▼**M14** 43 A	Sistemi ta' soppressjoni tar-raxx	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 109/2011		B
45 A	Materjali tal-ħġieġ ta' sikurezza u l-istallazzjoni tagħhom fil-vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 43	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	B
46	Tajers	Direttiva 92/23/KEE	*Komponenti*	X
46 A	Installazzjoni ta' tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 458/2011		B Id-dati għal applikazzjoni progressiva għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
46B	Tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom (Klassi C1)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 30	*Komponenti*	X
46C	Tajers pnewmatiċi għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom (Klassijiet C2 u C3)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 54	*Komponenti*	X
46D	Emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajers, adeżjoni fuq superfiċji mxarrba u reżistenza għall-irrolljar (Klassijiet C1, C2 u C3)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 117	*Komponenti*	X
46E	Unità żejda għal użu temporanju, tajers/sistema *run-flat* u sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 64	*Komponenti*	X
			Immuntar ta' sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers	B L-immuntar ta' TPMS ma għandux ikun meħtieġ
48	Mases u dimensjonijiet	Direttiva 97/27/KE		B
48 A	Mases u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012		B
			It-test ta' startjar fuq għolja b'massa massima tal-kombinazzjoni	It-test ta' startjar fuq għolja b'massa massima tal-kombinazzjoni deskritt fil-paragrafu 5.1. tal-Parti A tal-Anness 1 għar-Regolament (UE) Nru 1230/2012 jista' jiġi rrinunzjat fuq talba tal-manifattur.
49 A	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenzi esterni tagħhom 'il quddiem mill-panew ta wara tal-kabina	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 61		C
			(a) *Speċifikazzjonijiet ġenerali*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 tar-Regolament UNECE Nru 61
			(b) *Speċifikazzjonijiet partikolari*	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6 tar-Regolament UNECE Nru 61.
50 A	Komponenti tal-iggankjar mekkaniku ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 55	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	B

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
54 A	Protezzjoni tal-okkupanti f'każ ta' ħabta laterali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 95	C	C
			Test tal-forma tar-ras	Il-manifattur għandu jipprovdi lis-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibli tar-ras tal-mannikin mal-istruttura tal-vettura jew mal-ħġieġ tal-ġenb jekk ikun magħmul minn ħġieġ laminat. Meta jiġi pprovat li tali impatt huwa probabbli li jseħħ, mela għandu jitwettaq it-test parzjali fejn jintuża t-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1. tal-Anness 8 għar-Regolament UNECE Nru 95 u l-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1. tar-Regolament UNECE 95 għandu jiġi sodisfatt. Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 għar-Regolament UNECE Nru 21 tista' tintuża bħala alternattiva għat-test imsemmi iktar 'il fuq.
56	Vetturi għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 105		A
58	Protezzjoni ta' persuni mexjin	Regolament (KE) Nru 78/2009	(a) *Rekwiżiti tekniċi applikabbli għal vettura*	M/A
			(b) *Sistemi ta' protezzjoni frontali*	X
59	Riċiklabbiltà	Direttiva 2005/64/KE		M/A Għandu japplika biss l-Artikolu 7 dwar l-użu mill-ġdid tal-partijiet komponenti.
61	Sistemi ta' arja kkundizzjonata	Direttiva 2006/40/KE		B Gassijiet serra fluworinati b'potenzjal għat-tisħin globali ogħla minn 150 huma permessi sal-31 ta' Diċembru 2016.
62	Sistema ta' idroġenu	Regolament (KE) Nru 79/2009		X

▼**M26**

63	Sigurtà Ġenerali	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009		Ara n-nota f'qiegħ il-paġna ([15]) tat-tabella fil-Parti I tal-Anness IV ma' atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi prodotti f'serje mhux limitati

▼**M14**

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
67	Komponenti speċifiċi għall-gassijiet tal-petrolju likwidifikat (LPG) u l-istallazzjoni tagħhom fil-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 67	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	A
68	Sistemi ta' allarm tal-vettura (VAS)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 97	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	B
69	Sikurezza elettrika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 100		B
70	Komponenti speċifiċi għas-CNG u l-istallazzjoni tagħhom fil-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament UNECE Nru 110	(a) *Komponenti*	X
			(b) *Installazzjoni*	A

▼**M26**

71	Saħħa tal-kabina	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 29 UNECE		C

▼**M10**

Appendiċi 2

Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 24 ta' vetturi sħaħ li jidħlu fil-kategoriji M_1 u N_1, prodotti f'serje kbar fi jew għal pajjiżi terzi

0. GĦAN

Vettura titqies ġdida jekk:

(a) ma kienet qatt ġiet irreġistrata qabel jew

(b) tkun ilha rreġistrata inqas minn sitt xhur fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni individwali.

Vettura titqies li hi rreġistrata meta tkun kisbet awtorizzazzjoni amministrattiva permanenti, temporanja jew għal medda qasira ta' żmien għad-dħul fis-servizz fit-traffiku tat-triq, li tinvolvi l-identifikazzjoni tagħha jew il-ħruġ ta' numru tar-reġistrazzjoni ([1]).

1. DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

1.1. **Kategorizzazzjoni tal-vettura**

Il-vetturi għandhom ikunu kkategorizzati skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

Għal dawn il-finijiet:

(a) in-numru attwali tal-postijiet bilqiegħda għandu jitqies u

(b) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli għandha tkun il-massa massima ddikjarata mill-manifattur fil-pajjiż tal-oriġini u disponibbli fid-dokumentazzjoni uffiċjali tiegħu.

Fejn mhuwiex possibbli li l-kategorija tal-vettura tkun iddeterminata faċilment minħabba d-disinn tal-karrozzerija, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

1.2 **Applikazzjoni għal approvazzjoni individwali**

(a) L-applikant għandu jissottometti applikazzjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni akkumpanjata mid-dokumentazzjoni kollha rilevanti meħtieġa għat-tħaddim tal-proċess ta' approvazzjoni.

Fejn id-dokumentazzjoni sottomessa tkun inkompleta, qarrieqa jew falsifikata, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tiġi rifjutata.

(b) Applikazzjoni waħda biss tista' tiġi sottomessa għal vettura partikolari fi Stat Membru wieħed biss.

B'vettura partikolari, wieħed għandu jifhem vettura fiżika, li n-numru tal-identifikazzjoni ta' vettura tagħha huwa identifikat b'mod ċar.

Għall-applikazzjoni ta' dan il-punt, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tirrikjedi li l-applikant jikkommetti ruħu bil-miktub li huwa se jissottometti applikazzjoni waħda biss fi Stat Membru wieħed.

Madankollu, kwalunkwe applikant jista' japplika għal approvazzjoni individwali fi Stat Membru ieħor fir-rigward ta' vettura li għandha karatteristiċi tekniċi identiċi jew simili għal dik li ngħatat approvazzjoni individwali.

(c) Il-mudell tal-formola tal-applikazzjoni u t-tifsila tal-fajl għandhom ikunu stabbiliti mill-awtorità tal-approvazzjoni.

Id-dettalji għandhom jikkonsistu biss f'għażla xierqa tal-informazzjoni inkluża fl-Anness I.

([1]) Vettura titqies li hi rreġistrata meta tkun kisbet awtorizzazzjoni amministrattiva permanenti, temporanja jew għal medda qasira ta' żmien għad-dħul fis-servizz fit-traffiku tat-triq, li tinvolvi l-identifikazzjoni tagħha jew il-ħruġ ta' numru tar-reġistrazzjoni.

▼**M10**

(d) Ir-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu sodisfatti huma dawk stabbiliti fit-Taqsima 4 ta' din l-Appendiċi.

Dawn għandhom ikunu dawk applikabbli għal vetturi ġodda li jappartjenu għal tip ta' vettura li attwalment qed ikun prodott, fir-rigward tad-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

(e) Fir-rigward ta' ċerti testijiet meħtieġa f'xi atti regolatorji elenkati f'dan l-Anness, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-istandards jew ir-regolamenti internazzjonali rikonoxxuti.

Id-dikjarazzjoni msemmija tista' tinħareġ biss mill-manifattur tal-vettura.

"Dikjarazzjoni ta' konformità" għandha tfisser dikjarazzjoni maħruġa mill-uffiċċju jew mid-dipartiment fl-organizzazzjoni tal-manifattur li huwa awtorizzat mill-maniġment biex jorbot b'mod sħiħ lill-manifattur bir-responsabbiltà legali fir-rigward tad-disinn u l-bini ta' vettura.

L-atti regolatorji li għalihom tali dikjarazzjoni trid tingħata għandhom ikunu dawk imsemmija fit-Taqsima 4 ta' din l-Appendiċi.

Meta dikjarazzjoni toħloq inċertezza, l-applikant jista' jkun meħtieġ jikseb prova konklużiva mingħand il-manifattur, inkluż rapport ta' test, sabiex jikkorrobora d-dikjarazzjoni tal-manifattur.

1.3. **Servizzi tekniċi fdati bl-approvazzjonijiet individwali**

(a) Is-servizzi tekniċi fdati bl-approvazzjonijiet individwali għandhom ikunu tal-kategorija A kif imsemmi fl-Artikolu 41(3).

(b) B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(4), is-servizzi tekniċi għandhom jissodisfaw l-istandards li ġejjin:

(i) EN ISO/IEC 17025: 2005 meta jwettqu t-testijiet huma stess;

(ii) EN ISO/IEC 17020: 2004 meta huma jikkontrollaw il-konformità tal-vettura mar-rekwiżiti inklużi f'din l-Appendiċi.

(c) Meta testijiet speċifiċi li jirrikjedu ħiliet speċifiċi jkunu jridu jitwettqu fuq talba tal-applikant, huma għandhom jitwettqu minn wieħed mis-servizzi tekniċi nnotifikati lill-Kummissjoni magħżul mill-applikant.

Pereżempju, meta test ta' impatt frontali jkun irid jitwettaq bi ftehim mal-applikant fi Stat Membru "A", it-test jista' jitwettaq minn servizz tekniku nnotifikat fi Stat Membru "B".

1.4. **Rapporti ta' testijiet**

(a) Ir-rapporti tat-testijiet għandhom ikunu abbozzati b'konformità mat-Taqsima 5.10.2 tal-Istandard EN ISO/IEC 17025: 2005.

(b) Huma għandhom ikunu abbozzati f'waħda mil-lingwi tal-Unjoni stabbilita mill-awtorità tal-approvazzjoni.

Meta fl-applikazzjoni tal-punt 1.3(c) rapport ta' test ikun ġie stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak fdat bl-approvazzjoni individwali, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' teħtieġ li l-applikant jissottometti traduzzjoni vera tar-rapport tat-test.

▼**M10**

(c) Għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-vettura ttestjata inkluża l-identifikazzjoni mingħajr ambigwità. Il-partijiet li jwettqu rwol sinifikanti fir-rigward tar-riżultati tat-testijiet għandhom ikunu deskritti u n-numru tal-identifikazzjoni tagħhom għandu jiġi rrapportat.

Eżempji tal-partijiet jinkludu s-silencers għall-kejl tal-istorbju u s-sistema ta' ġestjoni tal-magna (ECU) għall-kejl tal-emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku.

(d) Fuq talba tal-applikant, rapport ta' test ipprovdut għal sistema relatata ma' vettura partikolari jista' jiġi ppreżentat ripetutament mill-istess applikant jew minn applikant ieħor għall-finijiet ta' approvazjoni individwali ta' vettura oħra.

F'dan il-każ, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiżgura li l-karatteristiċi tekniċi tal-vettura jiġu spezzjonati bix-xieraq wara r-rapport tat-test.

L-ispezzjoni tal-vettura u d-dokumentazzjoni li takkumpanja r-rapport tat-test għandha twassal għall-konklużjoni li l-vettura li għaliha tintalab approvazzjoni individwali għandha l-istess karatteristiċi bħall-vettura deskritta fir-rapport.

(e) Jistgħu jiġu sottomessi biss kopji awtentikati ta' rapport ta' test.

(f) Ir-rapporti tat-testijiet imsemmija fil-punt 1.4(d) ma jinkludux ir-rapporti magħmula biex il-vettura tingħata l-approvazzjoni individwali.

1.5. Hija parti mill-proċess ta' approvazzjoni individwali li kull vettura ssirilha spezzjoni fiżika individwali mis-servizz tekniku.

Ma hija permessal-ebda eżenzjoni minn dan il-prinċipju.

1.6. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun aċċertat li l-vettura tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi speċifikati f'din l-Appendiċi u hija konformi mad-deskrizzjoni inkluża fl-applikazzjoni hija għandha tagħti l-approvazzjoni skont l-Artikolu 24.

1.7. Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jitfassal skont il-Mudell D kif stabbilit fl-Anness VI.

1.8. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha żżomm rekord tal-approvazzjonijiet kollha mogħtija skont l-Artikolu 24.

2. EŻENZJONIJIET

2.1. Minħabba n-natura speċifika tal-proċedura individwali, l-Artikoli li ġejjin ta' din id-Direttiva, inklużi d-dispożizzjonijiet rispettivi fl-annessi rilevanti, għandhom jiġu rinunzjati:

(a) L-Artikolu 12 relatat mal-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni;

(b) L-Artikoli 8, 9, 13, 14 u 18 relatati mal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura.

2.2. **Identifikazzjoni tat-tip ta' vettura**

(a) Sa fejn hu possibbli, it-tip, il-varjant u l-verżjoni li tingħata fil-pajjiż tal-oriġini tagħha għandhom jissemmew fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni.

(b) Fejn mhuwiex possibbli li jkunu identifikati t-tip, il-varjant u l-verżjoni minħabba n-nuqqas ta' dejta xierqa, jista' jissemma l-isem kummerċjali tas-soltu tal-vettura.

3. REVIŻJONI TAR-REKWIŻITI TEKNIĊI

Il-lista tar-rekwiżiti tekniċi inkluża fit-Taqsima 4 sejra tiġi riveduta regolarment biex jitqiesu r-riżultati tax-xogħol ta' armonizzazzjoni li għad irid jitlesta fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi ("WP.29") f'Ġinevra u l-iżviluppi leġiżlattivi fil-pajjiżi terzi.

▼**M10**

4. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

Part I: Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M_1

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
1	Direttiva 70/157/KEE (Livell tal-ħoss permissibbli)	*Test drive-by* (a) Għandu jitwettaq test skont il-"Metodu A" imsemmi fl-Anness 3 tar-Regolament UNECE Nru 51. Il-limiti huma dawk speċifikati fit-Taqsima 2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/157/KEE. Għandu jkun permess deċibel wieħed iżjed mil-limiti permessi. (b) It-trekk tat-test għandu jikkonforma mal-Anness 8 tar-Regolament UNECE Nru 51. Trekk tat-test li jkollu speċifikazzjonijiet differenti jista' jintuża bil-kundizzjoni li t-testijiet tal-korrelazzjoni jitwettqu mis-servizz tekniku. Għandu jkun applikat fattur ta' korrezzjoni jekk ikun meħtieġ. (c) Is-sistemi tal-egżost li fihom materjali fibruži ma hemmx għalfejn ikunu kkundizzjonati kif preskritt fl-Anness 5 tar-Regolament UNECE Nru 51. *Test stazzjonarju* Għandu jitwettaq test b'konformità mat-Taqsima 3.2 tal-Anness 3 tar-Regolament UNECE Nru 51.
2	Direttiva 70/220/KEE (Emissjonijiet)	*Emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku* (a) Għandu jitwettaq test tat-tip I b'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 70/220/KEE bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni msemmija fil-punt 5.3.6.2. Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk speċifikati fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. (b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif mitlub fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness III ta' dik id-Direttiva. (c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX tad-Direttiva 70/220/KEE. (d) Id-dinamometru għandu jkun stabbilit b'konformità mar-rekwiżiti tekniċi tat-Taqsima 3.2 tal-Appendiċi 2 tal-Anness III ta' dik id-Direttiva. (e) It-test imsemmi fil-punt (a) ma għandux jitwettaq meta jkun jista' jintwera li l-vettura hija konformi ma' wieħed mir-Regolamenti ta' Kalifornja msemmija fin-nota introduttorja għat-Taqsima 5 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. *Emissjonijiet evaporattivi* Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu l-petrol irid ikollhom sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet evaporattivi (pereżempju kanister bil-faħam tal-kannol). *Emissjonijiet tal-Kisi tal-krenk* Għandha tkun meħtieġa l-preżenza ta' strument għar-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-kisi tal-krenk. *OBD* Il-vettura għandu jkollha sistema OBD. L-interface-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika ma' strumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi.

▼M10

▼M20

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
2a	Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 (Emissjonijiet Euro 5 u 6) vetturi light duty/aċċess għall-informazzjoni)	*L-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost* (a) Għandu jitwettaq test tat-tip I b'konformità mal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tabella I u fit-Tabella II fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. (b) Il-vettura ma għandhiex bżonn turi 3 000 km kif imsemmi fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (d) Id-dinamometru għandu jitwaqqaf skont ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Taqsima 3.2 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (e) It-test imsemmi fil-punt (a) ma għandux jitwettaq meta jkun jista' jintwera li l-vettura hija konformi mar-regolamenti ta' Kalifornja msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. *Emissjonijiet evaporattivi* Għall-magni li jieħdu l-petrol, il-preżenza ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet evaporattivi għandha tkun obbligatorja (pereżempju kanister bil-karbonju). *Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank* Il-preżenza ta' strument għar-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-kaxxa tal-krank għandha tkun obbligatorja. *OBD* (a) Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD. (b) L-interfaċċa-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika mal-istrumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi. *Opaċità tad-duħħan* (a) Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu d-diżil għandhom jiġu ttestjati b'konformità mal-metodi tat-testijiet imsemmija fl-Appendiċi 2 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment. *L-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil* (a) Għandu jsir test b'konformità mal-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif mitlub fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (c) Meta l-vettura tkun konformi mar-Regolamenti ta' Kalifornja msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 u għalhekk ma jkun hemm bżonn li jsir l-ebda test tal-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil bil-formoli stabbiliti fin-noti ta' spjegazzjoni ([b]) u ([c]).

▼**M20**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Aċċess għall-informazzjoni Id-dispożizzjonijiet rigward l-aċċess għall-informazzjoni ma għandhomx japplikaw. *Kejl tal-qawwa* (a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tiddikjara l-produzzjoni massima ta' qawwa mill-magna f'kW flimkien mal-veloċità tal-magna korrispondenti f'rivoluzzjonijiet kull minuta. (b) Inkella tista' tissemma l-kurvatura tal-produzzjoni tal-qawwa tal-magna li tipprovdi l-istess informazzjoni.

▼**M10**

3	Direttiva 70/221/KEE (Tankijiet tal-fjuwil - Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara)	*Tankijiet tal-fjuwil* (a) It-tankijiet tal-fjuwil għandhom ikunu konformi mat-Taqsima 5 tal-Anness I tad-Direttiva 70/221/KEE bl-eċċezzjoni tal-punti 5.1, 5.2 u 5.12. B'mod partikolari huma għandhom jikkonformaw mal-punti 5.9 u 5.9.1 imma ma għandu jitwettaq l-ebda test tat-taqtir. (b) Tankijiet tal-LPG jew CNG għandhom ikunu approvati skont it-tip b'konformità mas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament UNECE Nru 67 jew ir-Regolament Nru 110 ([a]), rispettivament. *Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tankijiet tal-fjuwil magħmula minn materjal tal-plastik* L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li t-tank tal-fjuwil ta' vettura partikolari, [*irid ikun speċifikat in-numru VIN tiegħu*], huwa konformi ma' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: — it-Taqsima 6.3 tad-Direttiva 70/221/KEE; — FMVSS Nru 301 ("Integrità tas-sistema tal-fjuwil"); — l-Anness 5 tar-Regolament UNECE 34. *Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara* (a) Il-parti ta' wara tal-vettura għandha tkun mibnija skont it-Taqsima 5 tal-Anness II tad-Direttiva 70/221/KEE. (b) Il-parti ta' wara tal-vettura għandha tkun mibnija skont it-Taqsima 5 tal-Anness II tad-Direttiva 70/221/KEE.
4	Direttiva 70/222/KEE (Spazju għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara)	L-ispazju, l-inklinazzjoni, l-angolu għall-viżibilità u l-pożizzjoni tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 70/222/KEE.
5	Direttiva 70/311/KEE (Sforz tekniku tal-istering)	*Sistemi mekkaniċi* (a) Il-mekkaniżmu tal-istering għandu jinbena b'tali mod li jiċċentra ruħu. Biex tkun ikkontrollata l-konformità ma' din id-dispożizzjoni, għandu jitwettaq test b'konformità mal-punti 5.1.2 u 5.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/311/KEE. (b) Ħsara fit-tagħmir tal-power steering ma għandux iwassal għat-telfien komplet tal-kontroll tal-vettura. *Sistema elettronika kumplessa ta' kontroll tal-vettura (Tagħmir "Drive-by wire")* Sistema elettronika kumplessa ta' kontroll għandha tkun permessa biss jekk tkun konformi mal-Anness 6 tar-Regolament UNECE Nru 79.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
6	Direttiva 70/387/KEE (Lukketti u ċ-ċpiepet tal-bibien)	(a) Il-lukketti u ċ-ċpiepet tal-bibien għandhom ikunu konformi mal-punti 3.2.1, 3.3.2 u 3.4.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/387/KEE. (b) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.4.1 ma għandhomx japplikaw meta tintwera l-konformità mal-punt 6.1.5.4 tar-Regolament UNECE Nru 11 Rev. 1 Emenda 2.
7	Direttiva 70/388/KEE (Twissija li tinstema')	*Komponenti* It-tagħmir tat-twissija li tinstema' ma għandux għalfejn ikun approvat skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 70/388/KEE. Madankollu, għandu jsemma' ħoss kontinwu kif meħtieġ fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. *L-installazzjoni fuq vettura* (a) Għandu jitwettaq test b'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I tad-Direttiva 70/388/KEE. (b) Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss għandu jkun b'konformità mal-punt 2.1.4 ta' dak l-Anness.
8	Direttiva 2003/97/KE (Tagħmir ta' vista indiretta)	*Komponenti* (a) Il-vettura għandu jkollha l-mirja li minnhom tista' tara fuq wara preskritti fit-Taqsima 2 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/97/KE. (b) Mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità ma' dik id-Direttiva. (c) Ir-raġġi tal-kurvatura tal-mirja ma għandhomx jikkawżaw distorsjoni sinifikanti tal-immaġni. Huwa fid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku li r-raġġi tal-kurvatura tal-mirja jkunu kkontrollati b'konformità mal-metodu deskritt fl-Appendiċi 1 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Ir-raġġi tal-kurvatura ma għandhomx ikunu inqas minn dawk meħtieġa mit-Taqsima 3.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. *L-installazzjoni fuq vettura* Għandu jitwettaq kejl sabiex ikun żgurat li l-kamp viżiv ikun konformi mat-Taqsima 5 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/97/KE jew mat-Taqsima 5 tal-Anness III tad-Direttiva 71/127/KEE.
9	Direttiva 71/320/KEE (Ibbrejkjar)	*Dispożizzjonijiet ġenerali* (a) Is-sistema tal-brejkijiet għandha tinbena b'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I tad-Direttiva 71/320/KEE. (b) Il-vetturi għandu jkollhom sistema elettronika ta' brejkijiet antilock li taġixxi fuq ir-roti kollha. (c) Il-prestazzjoni tas-sistema tal-brejkijiet għandha tkun konformi mat-Taqsima 2 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. (d) Għal dawn il-finijiet, it-testijiet tat-triq għandhom jitwettqu fuq trekk b'wiċċ b'adeżjoni għolja. It-test fuq il-brejk tal-ipparkjar għandu jitwettaq fuq pendil ta' 18 % ('il fuq u 'l isfel). Għandhom jitwettqu biss it-testijiet imsemmija hawn taħt. F'kull każ, il-kundizzjoni tal-vettura għadha tkun mgħobbija b'mod sħiħ. (e) It-test tat-triq imsemmi fil-punt (c) ta' hawn fuq ma għandux jitwettaq meta l-applikant jista' jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura hija konformi mar-Regolament UNECE Nru 13-H inkluż is-suppliment 5 jew mal-FMVSS Nru 135.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Brejk tas-servizz (a) Għandu jitwettaq test tat-"Tip 0" kif preskritt fil-punti 1.2.2 u 1.2.3 tal-Anness II tad-Direttiva 71/320/KEE. (b) Barra minn hekk, għandu jitwettaq test tat-"Tip I" kif preskritt fil-punt 1.3 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. *Brejk tal-ipparkjar* Għandu jitwettaq test b'konformità mal-punt 2.1.3 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.
10	Direttiva 72/245/KEE (Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika))	*Komponenti* (a) Is-subassemblaġġi tal-elettriku/elettroniċi mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 72/245/KEE. (b) Madankollu, tagħmir tal-elettriku/elettroniku, li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u li jkun ser jitwaħħal għandu jkun konformi ma' dik id-Direttiva. *Emissjoni ta' radjazzjonijiet elettromanjetiċi* L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura hija konformi mad-Direttiva 72/245/KEE jew mal-istandards alternattivi li ġejjin: — Radjazzjoni elettromanjetika broadband: CISPR 12 jew SAE J551-2; — Radjazzjoni elettromanjetika narrowband: CISPR 12 (off-board) jew 25 (in-board) jew SAE J551-4 u SAE J1113-41. *Testijiet tal-immunità* It-test tal-immunità ma għandux jiġi applikat.
11	Direttiva 72/306/KEE (Duħħan tad-dijżil)	(a) Għandu jitwettaq test b'konformità mal-metodi deskritti fl-Anness III u IV tad-Direttiva 72/306/KEE. Il-valuri tal-limiti applikabbli huma dawk imsemmija fl-Anness V ta' dik id-Direttiva. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment imsemmi fit-Taqsima 4 tal-Anness I tad-Direttiva 72/306/KEE għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment.
12	Direttiva 74/60/KEE (Fitings interni)	*Arranġament intern* (a) Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-assorbiment tal-enerġija, il-vettura għandha titqies li hija konformi mad-Direttiva 74/60/KEE jekk ikollha mill-inqas żewġ airbags ta' quddiem, waħda mdaħħla fl-istering u l-oħra fid-dashboard. (b) Meta vettura jkollha airbag ta' quddiem waħda biss imdaħħla fl-istering, id-dashboard għandu jkun magħmul minn materjali li jassorbu l-enerġija. (c) Is-servizz tekniku għandu jikkontrolla li ma jkunx hemm xfar jaqtgħu fiż-żoni definiti fit-Taqsimiet 5.1 sa 5.7 tal-Anness I tad-Direttiva 74/60/KEE.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Kontrolli tal-elettriku (a) Twieqi li jaħdmu bl-elettriku, sistemi tal-panils tas-soqfa u sistemi diviżorji għandhom jiġu ttestjati skont it-Taqsima 5.8 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Is-sensittività tas-sistemi tal-awtorivers imsemmija fil-punt 5.8.3 ta' dak l-Anness tista' tvarja mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.8.3.1.1. (b) Twieqi tal-elettriku li ma jistgħux jingħalqu meta l-ignixin tkun mitfija għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti li jikkonċernaw is-sistemi tal-awtorivers.
13	Direttiva 74/61/KEE (Tagħmir kontra s-serq u l-immobilizzatur)	(a) Sabiex ikun evitat użu mhux awtorizzat, il-vettura għandu jkollha: — tagħmir li jsakkar kif iddefinit fit-Taqsima 2.2 tal-Anness IV tad-Direttiva 74/61/KEE u — immobilizzatur li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tat-Taqsima 3 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva u r-rekwiżiti essenzjali tat-Taqsima 4, b'mod partikolari l-punt 4.1.1. (b) Jekk, fl-applikazzjoni tal-punt (a) ta' hawn fuq, ikun irid jitwaħħal immobilizzatur, li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, dan għandu jkun ta' tip approvat skont id-Direttiva 74/61/KEE jew ir-Regolament UNECE Nru 97 jew Nru 116.
